MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tat-28 ta' Settembru, 2012

Appell Civili Numru. 703/2010/1

**Lombard Bank plc (C1607)**

**v.**

**Allegro Andante Limited (C24105) bhala socjeta` debitrici principali, u l-Avukat Dottor Anthony Philip Farrugia, Mary-Anne Farrugia, u Andrey Anne Triganza ilkoll bhala garanti solidali ghal kull interess li jista' jkollhom**

**Il-Qorti:**

Rat ic-cedola ta' kompensazzjoni ta' Lombard Bank Malta Plc, pprezentata fis-26 ta' Mejju 2010, li jaqra hekk:

“Illi fil-bejgh bl-irkant fuq imsemmi mizmum taht l-Awtorita` ta’ din l-Onorabbli Qorti nhar il-Hamis, 20 ta’ Mejju 2010, gie definittivament liberat favur il-Bank esponenti l-fond kummercjali Allegro Andante Restaurant, Numru 130, Triq Spinola, San Giljan artikolat f’erba’ livelli, l-ghola livell fuq Spinola Road u l-aktar wiehed fil-baxx huwa fil-livell ta’ Xatt il-Bahar tal-Bajja ta’ Spinola, minn fejn huwa wkoll accessibbli, u dan bil-prezz ta’ miljun u hamest elef Euro (€1,005,000).
“Illi l-Bank esponenti kien gie precedentement awtorizzat minn din l-Onorabbli Qorti jaghmel offerti *animo compensandi*, kif effettivament ghamel.

“Illi l-kreditu tal-esponenti kontra s-socjeta` ezekutata Allegro Andante Limited jinsab kawtelat b’Ipoteka Generali, Ipoteka Specjali u Privilegg Specjali fuq l-istess fond Allegro Andante, inskritti fir-Registru Pubbliku ta’ Malta bin-numru I 7308/1999, u dan l-kreditu jippregradwa dak ta’ kwalsiasi kreditur iehor tas-socjeta` ezekutata.

“Illi l-Bank esponenti inkorra spejjez privileggjati in konnessjoni ma’ l-istess bejgh in subbasta li jridu jitnaqqsu mill-ammont ta’ €1,005,000 li bih gie liberat il-fond Allegro Andante favur l-istess Bank.

“L-imsemmija spejjez privileggjati huma s-segwenti u cioe`:

€10,050.00 spejjez in konnessjoni mal-liberazzjoni

€983.25 spejjez dovuti lid-Direttur tar-Registru Pubbliku

€9,135.09 spejjez gudizzjarji inkorsi s’issa in konnessjoni ma’ dawn il-proceduri kompriz d-dritt imhallas lil Perit Arkitett Renato Laferla ghal valutazzjoni tal-immobbli.

“B’kollox dawn l-ispejjez jammontaw ghas-somma ta’ €20,168.34.

“Oltre tali spejjez, hemm spejjez gudizzjarji ohra konnessi ma’ dawn il-proceduri, li taghhom ghad ma hijiex disponibbli taxxa ufficjali.

“Illi wkoll, id-debitu dovut mis-socjeta` ezekutata lill-Bank esponenti sal-20 ta’ Mejju 2010, jammonta ghal €985,222.79 inkluz l-imghax konteggjat sa dakinhar, kif jidher fl-anness *statement of account* (Dok ‘X’).

“Illi ghalhekk mill-premess jirrizulta li l-ammont dovut lis-socjeta` esponenti, inkluz spejjez privileggjati maghrufa sa issa u kreditu kontra s-socjeta` ezekutata jammontaw flimkien ghal €1,005,391.13, liema ammont jeccedi l-prezz li bih gie liberat favur il-Bank esponenti l-fond fuq identifikat.

“Ghaldaqstant, il-Bank esponenti jadixxi lil din l-Onorabbli Qorti u permezz tal-prezenti Cedola qieghed jikkompensa l-prezz shih ta’ €1,005,000 li bih gie liberat favur tieghu l-fond fuq imsemmi ma’ ammont ekwivalenti mill-kreditu ta’ €1,005,391.13, li l-istess Bank ghandu fil-konfront tas-socjeta` ezekutata, kif premess, salv id-dritt tal-istess Bank esponenti li jottjeni minghand is-socjeta` ezekutata l-hlas ta' kull bilanc u ta’ krediti ohrajn fi stadju ulterjuri.”

Rat ir-risposta tal-kuraturi Dr. Anthony Cutajar u PL Liliana Buhagiar, pprezentata fl-24 ta’ Gunju 2010, li in forza taghha eccepew:

“Illi huma jopponu ghall-kompensazzjoni mitluba mil-Lombard Bank Malta plc ghar-ragunijiet segwenti;

“Illi l-ewwelnett mhux minnu dak li ntqal fic-cedola ta’ kompensazzjoni proposta mill-Bank rikorrent li l-kreditu tal-Bank imsemmi jippregradwa dak ta’ kwalsiasi kreditur iehor tas-socjeta` esponenti.

“Illi almenu zewg kredituri li jirrizultaw ukoll mill-atti tas-subbasta jippregradwaw il-kreditu tal-Bank rikorrent, u cioe` l-Kummissarju tal-VAT ghat-taxxa tal-VAT li hi talvolta dovuta mis-socjeta` esponenti, u l-kreditu ta’

Sylvana Bruno li rregistrat pretensjoni ghal paga taghha u kontribuzzjonijiet socjali.

"Illi inoltre l-ispejjez privileggjati mitluba mill-Bank rikorrent, m'humiex sostanzjati b'taxxi ufficjali kif trid il-ligi, u f'kull kaz ghalhekk m'ghandhomx jigu ammessi.

"Illi l-i*Statement of Account* Dok X, anness mac-cedola ma jissodisfax ir-rekwiziti ta' dokumenti mehtiega sabiex jintwera l-ammont dovut mis-socjeta` esponenti. Mhux bizejjed li semplicement jigi ddikjarat *'balance B/F'* sal-1 ta' April 2010 minghajr ma jintwera b'mod serju u dettajlat kif mis-somma pretiza fir-rikors promotorju ghall-bejgh b'subbasta, il-pretensjoni waslet tas-somma hekk dikjarata."

Rat ir-risposta tal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, pprezentata fl-24 ta' Gunju 2010 li tghid hekk:

"Illi l-esponenti hu kreditur tas-socjeta` Allegro Andante Limited, fl-ammont ta' tliet mija, tmienja u sittin elf, erba' mija u ghoxrin Ewro u wiehed u ghoxrin Ewro centezmu (€368,420.21), bhala Taxxa fuq il-Valur Mizjud dovuta mill-imsemmija socjeta` skont Avviz mahrug *ai termini* tal-Att XXIII tal-1998 (Kapitolu 406) tal-Ligijiet ta' Malta flimkien mal-imghax legali sal-jum tal-pagament effettiv;

"Illi permezz tal-Ittra Ufficjali, hawnhekk annessa bhala Dokumenti A, tal-erbgha u ghoxrin (24) t'Ottubru 2005, l-ammont dovut hawn fuq imsemmi kien debitament notifikat lid-diretturi f'isimhom personali kif ukoll bhala diretturi ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` Allegra Andante Limited.

"Illi l-kreditu tal-esponenti Kummissarju fuq imsemmi jippregradwa fuq dak ta' kredituri ohra inkluz dak tas-socjeta` Lombard Bank Malta plc (C1607) u dan peress illi l-hlas tat-taxxa dovut lill-esponenti hu munit minn privilegg specjali ai termini tal-Artikolu tnejn u sittin (62) tal-Att XXIII tal-1998 (Kapitolu 406) fuq l-assi tas-socjeta` subbastandi:

*“Il-Kummissarju jkollu privilegg specjali fuq l-attiv li jaghmel sehem mill-attivita` ekonomika ta’ persuna dwar kull taxxa dovuta minn dik il-persuna taht dan l-Att u t-taxxa msemmija ghandha tithallas, minkejja kull ma jista’ jinsab f’xi ligi ohra, bi preferenza fuq dejn li jkollu xi privilegg iehor,hlief dejn li jkollu privilegg generali u dejn imsemmi fl-Artikolu 2009(a) jew (b) tal-Kodici Civili.”*

“Illi dak li nghad hawn fuq mill-esponenti gie ritenut kostantement minn dawn il-qrati u senjatament mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fis-sentenza taghha tas-sebgha u ghoxrin (27) ta’ Frar 2009 fil-Konkors ta’ Kredituri ta’ Carmelo Gauci Limited, Rikors Numru 53/06 u cioe` li *“la darba l-flus garantiti mill-bank ghall-fini ta’ dawn il-proceduri, huma r-rikavat mill-bejgh tal-assi tal-kumpanija debitrici, it-taxxa dovuta ghandha tithallas bi preferenza u qabel kull dejn iehor bhal dak tal-bank konkorrent”* kif ukoll mill-Prim’ Awla tal-Qorti Civili diversament ippreseduta, fis-sentenzi ricenti taghha cioe` dawk tar-Rikors Numru 566/09/2 JZM ta’ dsatax (19) ta’ Ottubru 2009 fl-ismijiet Charles Farrugia bhala Direttur uniku tal-kumpanija **IFIX Trade Limited v. IFIX Trade Limited**, fejn il-Qorti ma kellha l-ebda ezitazzjoni tawtorizza lill-Amministrattur Provvizorju jhallas lill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud erbghin elf Ewro (€40,000) akkont tal-kreditu li kellu fil-konfront tal-kumpanija *de qua.*

“Il-Prim’ Awla tal-Qorti Civili fis-sentenza l-aktar ricenti taghha tat-tmintax (18) ta’ Novembru 2009 Citazzjoni Numru 831/2007 (FS) fil-Konkors tal-Kredituri ta’ Victor Zammit et ikklassifikat il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud fit-tieni grad wara l-ispejjez gudizzjarji u dan billi mxiet fuq il-kazistika stabbilita li tmur lura sas-sena 2000 fil-Konkors tal-Kredituri Da Vinci Limited, deciz fit-tlettax (13) ta’ Novembru 2000 fejn il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, a tenur tal-Artikolu tnejn u sittin (62), gie fit-tieni grad wara l-ispejjez gudizzjarji. F’dak il-konkors il-Qorti kklassifikat il-kredituri ipotekarji ohra mill-hames sal-ghaxar grad, bl-HSBC Bank plc jikklassifika fis-seba’ grad.

“Ghaldaqstant, l-esponenti, ghar-ragunijiet suesposti, jopponi ghad-domanda ghall-approvazzjoni tal-kompensazzjoni maghmula mis-socjeta` Lombard Bank Malta plc bic-Cedola ta’ Kompensazzjoni pprezentata kontestwalment mar-rikors datat sitta u ghoxrin (26) ta’ Mejju 2010 u jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tordna li l-prezz offrut ghall-fond ‘Allegro Andante Restaurant’ fi Spinola Road, San Giljan jigi depozitat taht l-awtorita` ta’ din l-Onorabbli Qorti fi zmien legali sabiex l-esponent ikun jista’ jinforza d-drittijiet tieghu fuq ir-rikavat u f’kaz ta’ oppozizzjoni ghandhom jinfethu d-debiti proceduri ghall-konkors ta’ kredituri.”

Rat ir-risposta tal-Avukat Dottor Mark Miggiani tas-16 ta’ Marzu 2011, fejn eccepixxa:

“Illi ssir referenza ghac-Cedola ta’ Kompensazzjoni ta’ Lombard Bank Malta plc nhar l-Erbgha, 26 ta’ Mejju 2010, fuq talba ta’ Lombard Bank lil din l-Onorabbli Qorti u permezz tal-istess Cedola qieghed jikkumpensa l-prezz shih ta’ €1,005,391.13, li l-istess Bank ghandu fil-konfront tas-socjeta` ezekutata, kif premess, salv id-dritt tal-istess Bank esponenti li jottjeni minghand is-socjeta` ezekutata l-hlas ta’ kull bilanc u ta’ krediti ohrajn fi stadju ulterjuri.

“Illi l-mittenti ghandu kreditu ipotekarju kontra l-istess socjeta` u sadanittant Ipoteka Generali fuq l-assi kollha tal-kumpanija debitrici Allegro Andante Limited, kif ukoll Ipoteka Specjali numru 14785/2002 fuq l-imsemmija proprjeta`, ossija l-fond kummercjali Allegro Andante Restaurant, Numru 130, Triq Spinola, San Giljan, artikolat f’erba livelli, u dan skont il-kuntratt pubbliku tan-Nutar Dottor Henri Vassallo, datat 30 ta’ Settembru 2002, bhala garanzija ghal hlas ta’ erbgha u tletin elf, disa’ mija u erbghin Ewro u sittin centezmu (€34,940.60) ekwivalenti ghal hmistax-il elf Lira Maltin (Lm15,000), kif ukoll imghax relattiv fuq l-istess ammont.

“Illi huwa minnu illi l-kreditu ta’ Lombard Bank Malta plc kontra s-socjeta` ezekutata Allegro Andante Limited jinsab kawtelat b’Ipoteka Generali, Ipoteka Specjali u Privilegg Specjali biss fuq il-fond Allegro Andante, inskritti fir-

Registru Pubbliku ta’ Malta bin-numru 7308/1999, izda l-imsemmija spejjez li jammontaw ghas-somma ta’ ghoxrin elf, mija u tmienja u sittin Ewro u erbgha u tletin centezmu (€20,168.34) m’humiex parti mit-tali kreditu privileggjat.

“Illi ghalhekk l-istess Avukat Dr. Mark Miggiani jopponi ghat-talba maghmula fir-Rikors/Cedola ta’ Kompensazzjoni.”

Rat id-digriet moghti mill-Qorti Civili Prim’ Awla fit-2 ta’ Frar 2012 fejn intqal hekk:

“Il-Qorti,

“Rat l-atti, inkluz il-verbal tas-seduta tad-19 ta’ Settembru 2011.

“Rat li jirrizulta li ma gewx prezentati noti ta’ sottomissjonijiet minkejja dak dikjarat fil-verbal tad-19 ta’ Settembru 2011.

“B’digriet li nghata fit-12 ta’ Lulju 2010 hu evidenti li l-Qorti ordnat il-ftuh ta’ konkors ta’ kredituri. Fatt konfermat fid-digriet li nghata fl-10 ta’ Settembru 2010 fejn il-Qorti qalet: *“Rat id-digriet tat-12 ta’ Lulju 2010 li bih infethu l-proceduri ta’ konkors ta’ kredituri.”*. Inoltre l-Qorti ordnat il-pubblikazzjoni tal-avvizi u notifiki kontemplati fil-procedura ta’ konkorsi ta’ kredituri u ghamlet riferenza ghall-Artikolu 416 tal-Kap. 12. Inoltre ghamlet riferenza ghall-Artikolu 339 tal-Kap. 12 li jikkontempla l-ftuh ta’ konkors peress li kien hemm kredituri ohra li kienu qeghdin jippretendu l-hlas.

“Ghalkemm fid-digriet tat-12 ta’ Lulju 2010 il-Qorti ordnat li jigu pubblikati l-avvizi kontemplati mil-ligi, dan baqa’ ma sarx.

“Sal-lum mill-atti jirrizulta li b’riferenza ghat-talba li ghamel il-bank permezz tar-rikors prezentat fis-26 ta’ Mejju 2010, apparti dawk ta’ Lombard Bank Malta plc saru pretensjonijiet minn:

“i. Il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud - €368,420.21 (ara risposta tal-24/6/2010).

“ii. Blye Engineering Co Ltd - €84,379 (ara risposta tal-24/6/2010).

“iii. Dr. Mark Miggiani - €34,940.60 (ara twegiba prezentata fis-16 ta' Marzu 2011).

“Ghalkemm kien issemma li certu Sylvana Bruno, impjegata tal-kumpanija, kienet kreditrici fir-rigward ta’ salarju, permezz ta’ nota prezentata fis-26 ta’ Awwissu 2010 iddikjarat li thallset dak li kien dovut lilha u ma kellix iktar interess fil-proceduri.

“Fir-realta` sal-lum ghad ma kien hemm l-ebda digriet tal-Qorti ghat-talba tal-Lombard ghal tpacija. Jidher ukoll, minn qari tal-provvediment tal-ligi, li meta l-Qorti ma tilqax talba ta’ kompensazzjoni, il-kreditur m’ghandux triq ohra ghajr li jiddepozita l-prezz fil-Qorti fi zmien stipulat. Fin-nuqqas il-proprjeta` tkun tista’ terga’ tingieb ghall-bejgh, minbarra sanzjonijiet ohra. L-ghoti ta’ garanzija hu kontemplat biss fejn il-Qorti tilqa’ talba ghal tpacija, u dan hu mholli fid-diskrezzjoni tal-Qorti. Fil-fehma tal-Qorti fejn il-ligi tikkontempla li jrid isir depozitu tal-prezz, ma tistax taccetta garanzija minflok id-depozitu.

“Fis-seduta tad-19 ta’ Settembru 2011 l-Avukat Dr. Anthony Farrugia, li hu wiehed mill-garanti tad-dejn li ghandha l-kumpanija mal-bank, iddikjara li d-divergenza mal-Lombard Bank ma teccedix is-somma ta’ mitt elf Ewro (€100,000).

“Il-ligi ma tghid xejn dwar jekk talba ghal tpacija tistax tintlaqa’ parzjalment. Fil-kaz taghna hu altru milli evidenti li mehud in konsiderazzjoni tal-persuni li oggezzjonaw ghat-talba ta’ kompensazzjoni li ghamel il-bank, parti mir-rikavat hu certament intitolat ghalih il-bank u ghalhekk il-Qorti ma tarax skop ghalfejn ghandu jigi depozitat fil-Qorti l-prezz kollu. Lanqas ma nghata hjiel li hemm kredituri ohra tal-kumpanija Allegro Andante Limited, apparti dawk li jirrizulta mill-atti, li jistghu jippregradwaw lil dan il-kreditur

ezekutant. Fic-cirkostanzi l-Qorti ser tipprova taddotta soluzzjoni prattika, fis-sens li:

“Qeghdha tilqa’ t-talba ghal tpacija **parzjalment biss** ghas-somma ta’ erba’ mija u hamsin elf Ewro (€450,000) taht dawn il-kundizzjonijiet:

“(a) Fi zmien hmistax-il (15) gurnata il-bank jaghti garanzija, li jhallas dan l-ammont fil-Qorti flimkien mal-imghax jekk hekk jigi ordnat mill-Qorti. Obbligazzjoni tal-bank stess ghandha tigi accettata mir-Registratur tal-Qorti.

“(b) Gialadarba t-tpacija fir-rigward tal-bilanc tal-prezz qieghdha tigi michuda, il-bank ghandu fit-terminu li tikkontempla l-ligi jipprocedi bil-mod li trid il-ligi. Fin-nuqqas it-tpacija awtorizzata in forza ta’ dan id-digriet ma ghandu jkollha l-ebda effett.

“(c) Ghalissa l-bank m’huwiex intitolat ghat-trasferiment formali tal-fond oggett tal-bejgh bl-irkant.

“Tordna li dan id-digriet jigi minnufih notifikat lill-Lombard Bank Malta plc.

“Tordna wkoll lir-Registratur sabiex fi zmien ghoxrin (20) jum mil-lum jerga’ jibghat l-atti quddiem il-Qorti sabiex jinghataw provvedimenti ulterjuri.

“Tordna komunika ta’ dan id-digriet lil Dr. Anthony Cutajar (kuratur) u Dr. Anthony P. Farrugia.”

Rat ir-rikors tal-appell tal-Avukat Dottor Anthony P. Farrugia li in forza tieghu, ghar-ragunijiet minnu premessi, talab illi din il-Qorti joghgobha:

“…tirrevoka d-Digriet appellat tat-2 ta’ Frar 2012, ghar-ragunijiet moghtija u tirritorna l-atti lill-ewwel Onorabbli Qorti kif mahsub fl-Artikolu 338(5) tal-Kodici tal-Procedura Civili, Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta.”

Rat ir-risposta tal-appell ta' Lombard Bank Malta plc, li in forza taghha ghar-ragunijiet minnha premessi, talbet lil din il-Qorti:

"…li l-appell odiern ghandu jigi michud bhala ghal kollox infondat fil-fatt u fid-dritt, u wkoll li l-istess appell ghandu jigi konsidrat bhala frivolu u vessattorju, bl-applikazzjoni tas-sanzjoni ta' d-*doppie spese* kontra l-appellanti."

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkunsidrat:

Illi saret cedola ta' kompensazzjoni mil-Lombard Bank Malta plc (Bank) datata 26 ta' Mejju 2010 ghall-ammont ta' €1,005,391.13 wara li l-fond Allegro Andante Restaurant gie liberat favur il-Bank ghall-prezz ta' €1,005,000.

Illi jirrizulta li permezz ta' digriet datat 12 ta' Lulju 2010 (fol. 7) gie miftuh konkors tal-kredituri skont kif kontemplat fl-**Artikolu 416 tal-Kap. 12** u dan ghaliex kien hemm iktar minn kreditur wiehed li ghamel talba sabiex jithallas mir-rikavat tal-bejgh tal-immobbli msemmija fl-atti tal-bejgh in subasta Numru 22/2007 fl-ismijiet premessi.

Illi kien hemm opposizzjoni mis-socjeta` appellanti minhabba li sostniet li kien hemm zewg krediti li jippregradwaw dawk tal-Bank, dak tal-Kummissarju tat-Taxxa tal-VAT fl-ammont ta' €368,420.21 (ittra ufficjali datata 24 ta' Ottubru 2005), u l-iehor f'ammont mhux specifikat favur Sylvana Debono, izda din tal-ahhar iddikjarat li thallset b'nota datata 26 ta' Awwissu 2010. Il-Kummissarju tal-VAT oppona inkwantu ghal kreditu tieghu.

Illi sar rikors mill-Bank datat 26 ta' Mejju 2010 sabiex issir kompensazzjoni, rikors li gie deciz biss wara l-ftuh tal-konkors tal-kredituri bid-digriet mertu tal-appell odjern, li permezz tieghu l-appellant qed isostni li huwa jhossu

aggravat proprju bid-digriet tat-2 ta’ Frar 2012 fuq riportat u dan ghaliex:-

(a) t-talba ghall-approvazzjoni ta’ kompensazzjoni u/jew offerta *animo compensandi* giet milqugha parzjalment minghajr ma l-Qorti ghamlet ezami tal-allegat kreditu tal-Bank u dan meta dwar l-ammont pretiz hemm diversi kontestazzjonijiet inkluzi dwar il-procedura adoperata u wkoll id-dokumenti necessarji sabiex jippruvaw il-kreditu u t-titolu ezekuttiv vantat mill-Bank fuq is-somma shiha minnu pretiza;

(b) f’dan l-istadju tal-konkors tal-krredituri mhux lecitu li tintlaqa’ talba ghall-kompensazzjoni parzjali meta l-Ligi ma tippprovdi xejn dwar dan, u l-istess digriet appellat imur kontra l-provvedimenti li jwasslu ghall-konkors tal-krredituri peress li tali digriet qed jiddetermina qabel id-decizjoni finali l-mod ta’ gradwazzjoni tal-krredituri li ghanda ssir biss fid-decizjoni finali u dan iktar u iktar meta jistghu jirrizultaw krredituri ohra matul il-process;

(c) illi nghad bla pregudizzju ghall-ewwel aggravji li garanzija sufficjenti kellha tkun provduta minn terz u mhux semplici dikjarazzjoni tax-xerrej li jhallas dak li jigi mitlub, ghaliex din hija obbligazzjoni naturali li x-xerrej minn subbasta huwa mehtieg li jaghti f’kull kaz. Hija mehtiega garanzija iktar minn hekk u dan anke ghaliex eventwali nuqqas tax-xerrej ghandu jwassal ukoll ghat-thassir tal-istess subbasta.

Illi din il-Qorti thoss li l-ewwel zewg aggravji huma ben fondati fis-sens li jirrizulta mill-atti processwali li din hija procedura partikolari maghrufa bhala dik tal-Konkors tal-Kredituri kif kontemplata fl-**Artikolu 416 tal-Kap. 12,** u hija f’dan l-isfond li l-kwistjoni kollha u l-aggravji hawn mressqa ghandhom jigu kkunsidrati.

Illi fl-imsemmi **Artikolu 416 tal-Kap. 12** ssir riferenza ghal konkors ta’ krredituri fuq flus li kienu depositati l-Qorti tant li l-istess dispozizzjoni tipprovdi testwalment li:-

*“Meta l-qrati superjuri jew fil-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) fil-kompetenza taghha superjuri, ikunu gew iddepositati flus illi fuqhom izjed minn zewgt persuni jippretendu jeddijiet aqwa minn haddiehor jew qabilhom, jew xi interess iehor, il-qorti fuq rikors ta’ wiehed minn dawk il-pretendendi, tordna bil-mezz tar-registratur,li f’gazzetta wahda jew izjed, fosthom f’kull kaz il-Gazzetta tal-Gvern, jigi mahrug avviz li jgharraf b’dak id-depositu u b’dawk il-pretensjonijiet fuqu u illi jsejjah lil kull min jista’ jkollu interess sabiex igib ‘il-quddiem il-jeddijiet tieghu fi zmien xahar; u meta jaqghlaq dak iz-zmien ebda persuna, illi ma tkunx dehret f’dak iz-zmien, ma tista’ twaqqaf jew xort’ohra zzomm il-kawza ta’ konkors milli tigi deciza bejn dawk li jkun dehru”.*

Illi minn din id-dispozizzjoni jirrizulta li l-Ligi qed tezigi sabiex ikun hemm ftuh ta’ konkors ta’ kredituri li jkun hemm (a) diversi kredituri li qed jippretendu li ghandhom jithallsu mis-somma depozitata attwalment il-Qorti (*“iddepositati flus”);* (b) li d-decizjoni dwar il-konkors tal-kredituri tittiehed wara li tkun ezawrita l-procedura kollha, tant li l-istess procedura hija kkunsidrata bhala kawza u dan anke kif jghidu specifikatament l-**Artikoli 417 u 420 tal-Kap. 12.**

Dan ifisser li tali procedura jrid necessarjament ikollha bhala element taghha prezenti l-ammont ta’ flus depozitati l-Qorti (dan anke kif imsemmi wkoll fl-**Artikolu 418 tal-Kap. 12)** u allura f’dan il-kuntest it-talba ghal kompensazzjoni ma tistax tigi milqugha waqt li tkun ghada ghaddejja l-istess procedura, inkluz dik tpacija parzjali, u dan ghaliex il-kawzali tal-kawza ta’ konkors ta’ kredituri hija proprju sabiex flejjes li huma depozitati l-Qorti jigu distribwiti skont is-sentenza finali li tinghata sabiex tiddetermina tali kawza.

Inoltre, tenut kont tal-fatt li, kif inghad, tali procedura hija kawza ghal finijiet u effetti kollha tal-ligi, isegwi li din tista’ tigi determinata biss wara l-gheluq tal-proceduri kollha u s-smiegh tal-partijiet interessati kollha u dan permezz ta’ sentenza. Hija tali sentenza li taghlaq il-konkors tal-kredituri, b’dan li bhal f’kull kawza ohra, it-talba tal-

gradwazzjoni tal-kontendenti u pretentendi f'dan il-kaz ma tistax issir b'digriet waqt l-istess proceduri, izda biss b'sentenza finali.

Altrimenti jigri, kif sewwa sostna l-appellant, li l-Qorti tkun (almenu f'dan il-kaz) b'semplici digriet qed tiddetermina parti minn dak li ghandha tkun id-decizjoni finali jew id-decide; dan ma jistax isir fl-ebda kawza, ghaliex hija is-sentenza finali li attwalment tiddetermina l-pendenza, u l-ebda provvediment ma ghandu janticipa u jiddetermina l-istess.

Bid-digriet moghti mill-ewwel Qorti, mertu ta' dan l-appell, jirrizulta li effettivament hekk gara ghaliex fl-istess provvediment il-Qorti gja` ppredeterminat li almenu parti minn dak il-kreditu tal-Bank appellat jippregradwa dak ta' pretendenti ohra meta din id-dikjarazzjoni ma kellhiex u ma ghandhiex issir hlief fid-decizjoni finali li taghlaq il-kawza tal-konkors tal-kredituri, ghaliex hija b'dik id-decizjoni ahharija li l-ammont ta' krediti jigu ezattament determinati u gradwati skont il-Ligi.

Huwa ghalhekk li l-ligi permezz tal-**Artikolu 422** tghid li ebda somma ma ghandha tithallas waqt il-process tal-konkors tal-kredituri *"minghajr il-kunsens ta' l-interessati kollha", "hlief meta l-qorti, biex ma thallix li jingemghu l-imghaxijiet, bi hsara ta' kulhaddm, inkella ghal raguni ohra tajba, ikun jidhrilha li ghandha tordna l-hlas tal-kreditu ta' xi wiehed mill-konkorrentim, illi dwar ma jkunx gie kontestat illi ghandu jithallas qabel krediti ohra jew preferenza fuqhom".*

F'dan il-kaz ma kienx hemm il-kunsens tal-interessati kollha, u f'dan il-kaz ma hijiex kwistjoni ta' tpacija, izda proprju t-tqassim ta' flus u allura l-hlas ta' flus depozitati, li certament ma kienx il-mertu tat-talba tal-Bank appellat u l-mertu tad-digriet. F'dan il-kuntest l-ewwel zewg aggravji qed jigu milqugha u d-digriet tat-2 ta' Frar 2012 inkwantu ordna t-tpacija parzjali fl-ammont ta' €450,000 qed jigi mhassar u revokat ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi.

In vista’ ta’ din id-decizjoni ma huwiex necessarju li l-Qorti tikkunsidra n-natura ta’ garanzija ordnata mill-Qorti, li f’dan il-kaz kienet tikkonsisti biss b’semplici dikjarazzjoni tal-Bank li jhallas l-ammont indikat flimkien mal-imghax fuq ordni tal-Qorti u dan ghaliex la darba tali tpacija parzjali giet revokata dan ifisser li l-ammont hemm indikat ghandhu jigi attwalment depozitat il-Qorti skont l-**Artikoli 328, 329 u 340 tal-Kap. 12.**

Inkwantu ghat-tielet aggravju, pero`, din il-Qorti per kompletezza thoss li l-obbligazzjoni tal-Bank stess ma hijiex il-garanzija tajba li l-Ligi qed tesigi u li ghandha tikkonsisti f’garanzija moghtija minn terza persuna kkunsidrata idonea mill-Qorti u mhux dikjarazzjoni li tinghata minn kull xerrej li f’kaz normali (fejn ma jkunx hemm konkorsi ta’ kredituri) jakkwista proprjeta` b’subbasta. B’dan il-mod jigi zgurat ukoll li kulhadd jigi trattat l-istess skont il-ligi u jigi osservat il-principju li quddiem il-Ligi kulhadd huwa l-istess u ghandhu jigi trattat l-istess. Kull kunsiderazzjoni ohra, inkluz l-affidabilita` tal-Bank appellat, ma ghandhiex taghti lok ghal trattament preferenzjali tal-pretendendi f’konkors ta’ kredituri waqt il-procediment tal-istess.
Fl-ahharnett, fir-risposta tal-Bank appellat, apparti diversi insinwazzjonijiet diretti lejn l-appellant u lejn l-allegat attegjament tieghu waqt il-proceduri quddiem l-ewwel Qorti, li ovvjament ghandhom jigu ezaminati mill-ewwel Qorti, ma hemm xejn f’dak li huwa sottomissjoni legali li b’xi mod jilqa’ ghall-appell kif propost; wisq inqas ghal dak hawn deciz.

B’hekk l-appell kif interpost u kif hawn deciz qed jigi milqugh.

Ghal dawn ir-ragunijiet, din il-Qorti qed tiddeciedi billi tilqa’ l-appell tal-appellanti l-Avukat Dr. Anthony P. Farrugia fir-rikors tieghu datat 22 ta’ Frar 2012 u konsegwentement thassar u tirrevoka d-digriet datat 2 ta’ Frar 2012 ghar-ragunijiet hawn decizi u tirritorna l-atti lill-ewwel Qorti skont id-disposizzjonijiet tal-**Artikolu 338 (5) tal-Kap. 12.**

Bl-ispejjez ta’ dan l-appell kontra l-Bank appellat Lombard Bank (Malta) plc.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------